TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 288/12-F

**Wiliana Azzopardi**
**vs**
**Mary Josephine Musu' għan-nom ta' Channel Trade Marketing**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u tmenin ewro (€180), rapprezentanti prezz ta' mitraħ, li wara sena dan il-mitraħ kellu problemi fil-ġenb tiegħu.

Is-soċjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat saqqu b'garanzija ta' ħames snin u wara xi sena li xtrat is-saqqu, r-rikorrenti lmentat li s-saqqu kien ġralu l-ħsara billi kien hemm tumbata fil-ġenb tas-saqqu u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta illi kien importanti li r-rikorrenti ddawwar is-saqqu regolarment u li l-garanzija tgħodd u tibqa' valida sakemm tuża l-oġġett għall-iskop li jkun inxtara u kif ukoll skond l-istruzzjonijiet, u peress li kien qiegħed jiġi wżat ħażin u allura l-garanzija taqa'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibli stante li qagħdet mal-istruzzjonijiet u li s-saqqu minn imkien ma joħroġ illi l-ġenb tas-saqqu mhuwiex kopert bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija w għoxrin ewro (€120), u b'kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u b'dan illi s-saqqu jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888